MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 142/2008

**Michael u David ahwa Sciberras**
**(Karti ta' l-Identità bin-Numri 369265M u 54072M)**
**ezercenti l-kummerc bl-isem**
**"Firm Benny Sciberras"**

**Vs**

**Anna Caruana (Karta ta' l-Identità bin-Numru 185571M) u zewgha Andrew Caruana (Karta ta' l-Identità bin-Numru 226767M)**
**ghal kull interess li jista' jkollu**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-atturi ahwa Sciberras permezz ta' liema jitolbu li l-konvenuti konjugi Caruana jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' tlett elef tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sittax-il centezmu (€3,329.16) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuti li baqghet ma thallsitx. Bl-

ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 15 ta’ Jannar 2008 u tal-Mandati ta’ Qbid u ta’ Sekwestu kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma’ l-Avviz tat-Talba, u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenuti konjugi Caruana li biha eccipew illi t-talbiet attrici fil-konfront taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhux dovut minnhom u in oltre ma humiex il-legittimi kontradditturi ta’ l-atturi. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Sema’ x-xhieda ta’ Michael Sciberras waqt is-seduti tat-23 ta’ Frar 2009 u tal-21 ta’ April 2009.

Ra illi l-konvenuti konjugi Caruana naqsu milli jressqu provi in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet taghhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-attur bhala Dok. “MS1” minn fol. 23 sa’ 39 tal-process u Dok. “MS2” minn fol. 40 sa’ 44 tal-process.

Sema’ t-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensur ta’ l-atturi u ra li fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

L-attur Michael Sciberras xehed illi hu u huh David Sciberras jezercitaw in-negozju taht l-isem “Firm Benny Sciberras” liema negozju jikkonsisti fil-bejgh ta’ affarijiet ta’ l-ikel ghal gol hwienet. Il-konvenuta Anna Caruana kienet fiz-zmien tiggestixxi grocer u l-atturi kienu jfornuha b’merkanzija ghall-bejgh. Jidher li f’xi zmien il-konvenuta kienet williet il-hanut lil terza persuna izda maz-zmien dan il-hanut spicca biex ghalaq.

L-atturi kienu jaghmlu negozju direttament mal-konvenuta u meta l-attur Michael Sciberras kien johdilha l-merkanzija hija kienet tiffirma l-karti relattivi. F’certu zmien il-konvenuta waqghet lura fil-hlasijiet, bdiet thallas ftit ftit sakemm fl-ahhar spiccat biex ma hallsitx iktar.

Il-konvenuta kienet tghid lill-attur Michael Sciberras illi jekk kienet issib lil min twilli l-hanut huwa jerga' jibda jithallas. Jidher illi l-hanut gie imwilli u tramite il-persuna li hadet *over* il-hanut minghand il-konvenuta huwa ircieva xi hlasijiet ulterjuri. Bhala fatt mal-persuna li hadet *over* il-hanut minghand il-konvenuta l-atturi qatt ma ghamlu negozju. Kien hemm okkazzjoni wahda fejn fornew lil din il-persuna b'merkanzija izda din il-konsenja thallset mill-ewwel *cash*.

Ghalkemm il-konvenuta kienet tghid lill-attur Michael Sciberras illi hekk kif issib twilli l-hanut huwa jibda jithallas mit-terza persuna, hu kien ghamilha cara kemm mal-konvenuta kif ukoll mat-terza persuna li hadet il-hanut minghand il-konvenuta li hu n-negozju kien ghamlu ma' Anna Caruana u l-hlas riedu minghand Anna Caruana. L-attur xehed illi *x'arrangament kien hemm bejniethom ma nafx u lanqas jinteressani*[1]. Jidher li meta l-attur mar fil-hanut in kwistjoni wara li l-konvenuta kienet willietu lit-terza persuna, din ta' l-ahhar infurmat lill-attur li kienet ser tghaddilu pagamenti bin-nifs izda huwa rrifjuta li jaccetta dan l-arrangament ghaliex l-ammont pendenti kien kbira hafna. Huwa ghalhekk gharraf lill-konvenuta li l-hlas riedu direttament minghandha u qatt ma accetta li t-terza persuna thallas l-ammont dovut minflok il-konvenuta.

Ir-ricevuti ghall-hlasijiet li rcieva wara li l-konvenuta williet il-hanut xorta hargu f'isem l-istess konvenuta – *kien hemm xi hlasijiet tad-dejn dovut minghand Anna Caruana li ghaddithomli din it-tfajla. Ghaddithomli cash u jiena l-ircevuti hrigthom fuq Anna Caruana u mhux fuq isem din it-tfajla*. *Din it-tfajla qatt ma talbitni biex nohrog ircevuti fuq isimha. Fil-fatt jiena anke kont kellimt lil Anna u ghidtilha illi l-ircevuti kont ser nohroghom f'isimha ghax jiena lilha kont naf bhala debitrici tieghi u mhux lil kwalunkwe terza persuna. Hi fl-ahhar spiccat biex qablet mieghi u qaltli biex l-ircevuti nohroghom fuq isimha*[2]*.*

---

[1] Fol. 17 tal-process.
[2] *Ibid.*

L-ammont mitlub ta’ €3,329.16 huwa l-valur ta’ merkanzija fornita mill-atturi lill-konvenuta fiz-zmien meta l-hanut kien ghadu f’idejha. Wara li l-konvenuta williet il-hanut l-atturi qatt ma rcevew ebda komunikazzjoni minghandha li biha infurmathom li d-dejn taghha kellu issa jithallas minn terza persuna u li ghalhekk huma kellhom jfittxu lil dik it-terza persuna u mhux lilha.

L-ahhar pagament mill-konvenuta gie effettwat f’Awissu 2007 izda minn dak iz-zmien il-quddiem il-konvenuta ma kkomunikatx iktar ma’ l-atturi u lanqas ghamlet hlasijiet ulterjuri. L-atturi fethu l-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenuta u zewgha izda lanqas wara l-prezentata ta’ dawn il-proceduri ma gew avvicinati la mill-konvenuti u lanqas mit-terza persuna li kienet hadet *over* il-hanut minghand il-konvenuta. Dan il-hanut illum jidher li ghalaq ghal kollox.

L-attur Michael Sciberras spiega illi *fil-kotba tieghi, jigifieri kemm bhala statements of account, kif ukoll bhala fatturi, jien ghandi mnizzlin lil Anna Caruana u Anthony Zahra. Jiena ghalkemm ghandi l-kotba tieghi mnizzlin f’dan is-sens, bhala negozju dirett dejjem ma’ Anna Caruana ghamiltu. Jiena nizziltom bhala Anna Caruana u Anthony Zahra ghaliex in-numru tal-VAT taghhom kien jghajjat lilhom it-tnejn u allura d-dokumenti tieghi bilfors kelli nohroghom f’dan is-sens*[3].

Waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2009 l-attur Michael Sciberras ipprezenta serie ta’ dokumenti konsistenti f’fatturi u *statement of account*[4] u ricevuti[5] minn fejn jirrizulta l-ammont bilancjali ta’ €3,329.16 pretiz mill-atturi minghand il-konvenuti.

Ghalkemm il-konvenuti kkontestaw it-talba attrici b’eccezzjonijiet ben determinati osssia, li ma humiex legittimi kontraditturi ta’ l-atturi u li l-ammont pretiz mill-atturi ma huwiex dovut minnhom, huma naqsu milli jidhru

---

[3] Fol. 18 tal-process.
[4] Dok. “MS1” fol. 23 sa’ 39 tal-process.
[5] Dok. “MS2” fol. 40 sa’ 44 tal-process.

quddiem it-Tribunal u jressqu provi in sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet taghhom kontra t-talba attrici.

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud Appell Civili Nru. 1536/99** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru 2003 fejn inghad illi *huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq minn jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jghidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap.12. Tajjeb f'dan l-istadju li jigi precizat illi l-principju ta' l-oneru tal-provi ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz trid tigi rikvata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu utilizzati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verità xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti. Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-***piz probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu. Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika ta' l-assunt ta' l-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrattiva a sensu tal-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficjenti jew insodisfacenti***[6]*.*

[6] Enfasi tat-Tribunal.

L-unika prova li tressqet f'dawn il-proceduri hija dik ta' l-attur Michael Sciberras in sostenn tal-pretensjoni attrici u fil-fehma tat-Tribunal il-pretensjoni ta' l-atturi ghall-hlas tas-somma ta' €3,329.16 minghand il-konvenuti konjugi Caruana giet minnhom sodisfacentement ippruvata.

Una volta li l-atturi ppruvaw il-pretensjoni taghhom fil-konfront tal-konvenuti konjugi Caruana, kien jinkombi fuq l-istess konvenuti li jressqu provi biex jirribattu dak affermat mill-atturi u jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom ghat-talba attrici; haga li kif inghad huma ma ghamlux.

Il-konvenuti ma wrew ebda interess fil-proceduri odjerni tant illi huma naqsu milli jikkomunikaw ma' l-Avukat Difensur taghhom fir-rigward tad-difiza taghhom ghall-azzjoni attrici[7].

It-Tribunal ma jsib ebda raguni ghaliex ma ghandux jaccetta l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-atturi bhala wahda veritjera u jikkonkludi li ma hemm ebda raguni ghalfejn il-konvenuti ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsu lill-atturi is-somma ta' tlett elef tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sittax-il-centezmu (€3,329.16) kif mitlub mill-istess atturi.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' tlett elef tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sittax-il-centezmu (€3,329.16), bl-imghax legali dekoribbli mill-10 ta' Awissu 2007, id-data ta' l-ahhar pagament skond ir-ricevuti esebiti Dok. "MS2" sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestu kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---

7 Vide verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2009.

---------------------------------TMIEM---------------------------------